MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 32/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Buttigieg)**
**Vs**
**Noel Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-8 ta' Dicembru, 2001 ghall-habta tas-6.15 p.m., fi Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar, saq vettura bin-numru DAV-594 :

1) B'manjiera perikoluza;
2) B'giri aktar milli jmissu;
3) U aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anna Galea, skond kif iccertifikata Dr. Andrew Cassar M.D. ta' l-Isptar San Luqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Jannar, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 15 (1)(a), (2), 18 (2) tal-Kap. 65, 127 AL 128/94 u l-artikolu 226 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ sitt mitt liri Maltin (LM600) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Frar, 2004 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w piena u, fin-nuqqas, tbiddel is-sentenza billi tapplika piena anqas oneruza w li s-sospenzjoni tal-licenzji tas-sewqan tkun wahda minima fic-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe’ :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta iddeduciet htija fil-konfront tal-appellant meta ma kienx hemm la xhieda okulari u lanqas ma seta’ wiehed jasal ghal xi prova fuq indizju . 2. Illi l-fatt li kien hemm 10 metri brake mark ma jurix b’ mod assolut li l-appellant kien ghaddej b’ xi speed li jaqbez il-limitu permess mil-ligi w li l-persuna ta’ Anna Galea litteralment hasditu ghax kieku ma kienx japplika dawk il-brejkijiet . 3. Illi l-appellant m’ghandux jirrispondi ghall-akkuzi kif indikati fl-artikoli 15(1)(a) u (2) , 18(2) tal-Kap.65 Reg. 127 AL 128/94 u art. 226 tal-Kap.9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Fliet l-atti kollha processwali komprizi l-provi hemm traskritti u tal-inkjesta magisterjali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;

Semghet ix-xhieda ta’ Dr. Andrew Cassar M.D. u ta’ P.S. 586 Brincat ;

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni w l-parte civile rrinunzjaw ghax-xhud Richard Micallef ;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat :

Illi l-incident li fuqu huma bazati l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant gara fit-8 ta’ Dicembru, 2001 ghall-habta tas-6.15 p.m. go Vjal il-21 ta’ Settembru, fin-Naxxar u fih Anna Galea kienet sfat imtajjra minn vettura DAV 594 misjuqa mill-appellant. Dan kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Mosta man-naha tax-xellug tat-triq u wara l-vettura in kwistjoni instab “brake mark” wiehed twil 10.70 metru wara r-rota ta’ wara tal-lemin. Instab likwidu ta’ lewn ahmar fl-art tat-triq 3.20 metru ‘ l quddiem mill-pinna tal-lemin tal-quddiem tal-car. Bhala rizultat tal-incident Anna Galea sofriet feriti ta’ natura gravi *per durata*.

Illi l-appellant  qed jilmenta fl-ewwel lok li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament  hazin tal-fatti.

Issa l-appellant instab hati ta’ sewqan perikoluz skond l-ewwel imputazzjoni u ta’ sewqan bi speed eccessiv skond it-tieni imputazzjoni.

Illi  gie ritenut minn din il-Qorti li jekk sewqan hux (1) negligenti ; jew (2) bla kont jew (3) perikoluz hija kwistjoni ta’ “*degree*” (App. Krim. **Pol. vs. Charles Bartolo** , 14.3.59; **Pul vs. Wilson** , [Vol. XXXIX , p.1018]; **Pul. vs. Alfred Vella** ,[ Vol. XLIV , p. 933 u ohrajn])  u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta’ taghhom - l-aghar is-sewqan perioluz (App. Krim. **Pol. vs. Hardingham** ,[ 19.10.63] ) . Illi ukoll gie ritenut li biex  jintegra ruhu ir-reat ta’ sewqan perikoluz hemm bzonn ta’ certu grad ta’ “*recklessness*” (App. Krim. **Pol. vs. Charles Farrugia** , [Vol. XXXIUX , iv. p.1018] ) . “*Recklessness*” giet defenita bhala *“wilfully shutting one’s eye*”  (App. Krim. “**Pul vs. Joseph Aqulina**” [ 20.4.63] )  Sewqan negligenti ifisser nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex  jevita is-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri ,[** Vol. XLIV. iv . p.892]

Issa mill-ezami tal-provi ma jirrizultax li qabel l-incident , l-appellant kien qed jaghmel xi manuvra li minnha nnifisha kienet perikoluza jew azzardata , bhal per ezempju mar

“wrong side” jew tela’ xi bankina , jew li kien qed isuq b’ xi speed li jeccedi dak regolamentari ta’ 50 kfs (jew 31.25 mfs) (Reg. 127 (1) tal-A.L. 128/1994 ) ghal dik il-lokalita’ u tenut kont tal-fatturi ambjentali tal-mument . Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali “**Il-Pulizija vs. A.I. C. Mortimer**” [Vol. XL ; iv/ p.1282] “Speed jista’ jigi dedott mill-“*brake marks*”.Il-*brake mark* ta’ 10.7 metru ma hux indikattiv ta’ speed in eccess ghal dak regolamentari (ara tavola sinottika a fol. 56 ta’ **The Malta Highway Code**” .

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti la jirrizulta is-sewqan perikoluz u lanqas sewqan b’giri aktar milli jmissu . Pero’ xorta wahda wiehed irid jindaga jekk l-appellant kienx hati ta’ xi sewqan hazin fi grad inferjuri kompriz u involut fir-reat aktar serju ta’ sewqan perikoluz .

Issa *ex admissis* l-appellant jghid li ma kienx ra lil Anna Galea qed taqsam qabel ma laqatha. Dan minnu innifsu jindika li allura seta’ ma kellux “a proper lookout” . Gie appropositu ritenut li “hu dover ta’ driver *“to see what is in plain view*” (Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Joseph Vella**” [10.8.1963]) u li “min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara ifisser li ma kienx qed izomm “*a proper lookout*” (Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. J.M. Laferla”** [17.6.1961]). Illi fi “**Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd”** (1968) , Il-Qrati Inglizi kienu irritenew li :-

*“Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead **– it includes awareness of what is happening in one’s immediate vicinity . A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area , of the pavements on the side of the road as well.”*** (emfasi tal-Qorti)

Ghalhekk sewwa irriteniet l-Ewwel Qorti li meta l-appellant xehed li ma rax lil Galea qed taqsam it-triq minn quddiemu ma kienx qed jati spjegazzjoni plawsibbli ghal dak li gara, ghaliex kieku kien qed izomm “a proper lookout” zgur li f’ xi hin kien jara lil Galea il quddiem minnu , jew fuq il-bankina , jew ser tinzel minn fuq il-bankina , jew addirittura qed taqsam minn quddiem il-car tieghu. Ma

hemmx dubju f' mohh din il-Qorti li dan in-nuqqas tieghu li jara sew x' qed jigri quddiemu kien kawza prossima u determinanti tal-incident .

L-appellant qed jilmenta wkoll li hu kien inhasad bil-mod kif qasmitlu Galea u li speci kien rinfaccjat minn emergenza subitanea. Issa pero' gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera"** [13.12.58] li "..driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"*sudden emergency*" meta l-emergenza ikun holoqha hu." Issa fil-kaz in ezami bil-fatt li l-appellant jidher li ma kienx qed izomm "proper lookout", ma setax jirmedja b' xi manuvra tempestiva , anki jekk stess kien hemm bzonn, ghall qsim tal-pedestrian , ghax kif qal hu ma rahiex qabel il-habta. Ghalhekk ma jistax jghid li inhasad jekk dan gara ghax hu ma kienx attent. Tajjeb li jigi osservat li l-vittma kienet mara anzjana li timxi bl-ghajnuna ta' bastun (mhux krozzi, kif erronjament qalet l-Ewwel Qorti) u dan ma kienx jaghmilha possibbli li hi taqsam u tasal fil-post fit-triq fejn intlaqtet bi dritt il-pinna tal-lemin ta' quddiem tal-car , f' hakka t' ghajn . Hi kienet harget mat-tlitt metri lejn nofs it-triq meta ntlaqtet u fil-hin li hadet biex ittraversat did-distanza l-appellant ma kellux ma jarahiex quddiemu.

Illi umbaghad anki kieku kellu jirrizulta li l-vittma qasmet b'mod imprudenti jew inkonsult ghax hi ukoll imissha rat il-vettura tal-appellant qed tersaq lejha qabel ma bdiet taqsam , dan xorta wahda ma jezonerax lill-appellant mir-responsabbilta' tieghu ghall-incident , ghaliex kif gie ritenut "Il-*"contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza **unika** tas-sinistru ." (ara Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. P.Vassallo**" [Kollez. Vol. XXXVIII , iv. p. 883] u ohrajn .)

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ghalkemm ma jirrizultawx l-ewwel zewg imputazzjonijiet ta' sewqan perikoluz u sewqan b'giri aktar milli jmissu , jirrizultaw indubbjament is-sewqan b'maniera traskurata, li hu kompriz u involut fis-sewqan perikoluz, konsistenti fin-nuqqas ta' "*proper lookout*" kif fuq intqal u l-feriti gravi involontarji .

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tilqghu limitatament b' dan li tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni w in kwantu ikkundannatu jhallas multa ta' sitt mitt lira Maltin (LM600) u ordnat li jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn dak in-nhar u minnflok issibu hati ukoll tar-reat kompriz u involut ta' sewqan b' manjiera traskurata w tikkundannah ghall-multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u li jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar li jibda jghaddi minn-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu 26 ta' Marzu, 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------